MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru. 229/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul/Spettur Carmelo Abdilla)**

**Vs**
**Julian Genovese ta' 48 sena, iben Emanuel u Cramen nee' Mallia, imwieled il-Pieta fis-17 ta' Frar 1960, residenti gewwa 106, Flat 4, Micfam, Triq San Antnin, San Gwann, detentur tal-karta ta'l-identita' 136860(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Julian Genovese akkuzat:

1. talli fil-21 ta' Marzu 2007 fi Triq San George, San Giljan ghal habta tat-3:30p.m. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Cauchi kif iccertifikat mit-Tabib A. Cordina M.D. tac-Centru tas-

Sahha tal-Furjana u dana bi ksur ta'l-artikolu 214 u 215 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli fl-istess data, lok u hin hebb kontra Maria Cauchi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew ighamillha hsara lilha jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma ikunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. talli ghamel li haddiehor cioe' lil Maria Cauchi ingurji jew theddid mhux imsemmija f'dana il-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(e) tal_Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. talli fl-istess lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. talli fl-istess data, lok u hin kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. talli fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq il-hwejjeg ta'l-istess Maria Cauchi liema hsara teccedi l-Lm10 izda ma teccediex il-Lm50 u dana bi ksur ta'l-artikolu 325 ( c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. akkuzat ukoll talli fil-21 ta' Marzu 2007 u fil-jiem u xhur ta' qabel gab ruhu b'mod li jaghti fastridju lil persuna ohra cioe' lill-istess Maria Cauchi u dana bi ksur ta'l-artikolu 251A(1)(a)

8. u aktar talli fl-istess perjodu imsemmi hawn fuq gab ruhu b'mod li ikkaguna lil Maria Cauchi biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna

imsemmija fl-artikolu 222(1) u dana bi ksur ta’l-artikolu 251B(1)

9. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra

10. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenzi li saru definittivi fis-27 ta’ April 2006 u it-28 ta’ Settembru 2006

11. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, fi Triq San Gorg San Giljan, saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IDD 107 tal-ghamla Renault b’manjiera perikoluza, tarskurata u negligenti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-23 ta’ Marzu 2007 sabiex dana il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’diversi reati u kontravvenzjonijiet li kollha igorr piena ta’ inqas minn sitt xhur prigunerija jew multa. Illi l-imputat jinsab principalment akkuzat talli ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Maria Cauchi li tigi oht il-mara tieghu. Mill-provi irrizulta illi dina ma kenitx l-ewwel darba illi l-imputat taha fastidju lill-oht il-mara tieghu. Jidher illi huwa beda jircevi serje ta’ telefonati anonimi u huwa ikkonkluda li dawna it-telefonati kienu gejjien mill-hanut Novatours gewwa San Giljan fejn proprju tahdem dina Maria Cauchi. Fis-sahna tal-mument jidher illi huwa mar fuq il-post fejn sab lil Maria Cauchi u ragel anzjan li kien bil-qieghda barra il-hanut certu Julian Ellul, li xehed f’dawn il-proceduri. Dahal fil-hanut beda ikisser il-boards tar-reklami li kien hemm u oggetti mobbli ohra fil-hanut bhal *telephones* u hebb ghal Maria Cauchi fejn qacctilha

xaghra u ukoll qattaghla flokk li kienet libsa, oltre li ikkagunalha feriti ta’ natura hafifa (ara certifikat mediku Dokument LG3). F’dana l-incident huwa laqat ukoll lill-anzjan Ellul, izda dana irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’l-imputat ghal griehi li sofra.

Illi ix-xhieda ta’ Maria Cauchi hija korroborata pjenament minn dana Julian Ellul li kien prezenti u li ukoll safa imwegga’ f’dina it-taqtiegha. Il-kwerelanta Maria Cauchi inotlre tghid illi l-imputat ratu jasal sa fejn il-hanut bil-vettura tieghu, saq kontra il-one way u inoltre b’sewqan eccessiv u perikoluz. Dana ukoll gie ikkorroborat mix-xhud Adrian Pillow, xhud iehor okulari, li ra lill-imputat isuq lejn il-post fejn sehh l-incident.

Illi ghalhekk il-Qorti temmen il-versjoni moghtija minn Maria Cauchi il-kwerelant u mix-xhieda ta’ Julian Vella u Adrian Pillow dwar id-dinamika ta’ dana l-incident. Jidher illi anke wara li kienet sehhet dina l-aggressjoni, l-imputat baqa’ icempel lil Maria Cauchi fuq it-telefon celullari taghha, tant illi dana sehh anke fil-presenza ta’ xi ufficjali tal-pulizija li kienu marru fuq il-post wara li kienu ircevew ir-rapport dwar l-incident. (ara xhieda fost l-ohrajn ta’ PC1017 Joseph Sammut). Inoltre meta il-pulizija marru fuq il-post immedjatament wara li sehh l-incident huma raw l-oggetti mobbli imkissra fil-hanut fost taqlib shih, kif ukoll xi xaghar ma’l-art u il-flokk imqatta’ ta’ Maria Cauchi.

Illi f’dana l-incident il-vittma sofriet griehi kif jinsabu elenkati fic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr,.Adrian Cordina, Dokument LG3 esebit a fol.41 tal-process kif ukoll mix-xhieda tat-tabib a fol.82 tal-process. Illi dwar il-hsara volontarja, jidher illi l-uniku hsara li dwarha tressqet prova huwa il-flokk tal-kwerelanta. Ghar-rigward ta’l-oggetti mobbli l-ohra li jappartjenu lill-hanut Novatours ma ingiebet l-ebda prova u lanqas is-sid taghhom ma xehed f’dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk l-akkuzi kollha jirrizultaw ampjament ippruvati u il-Qorti qed issib lill-imputat ghalhekk hati ta’l-istess. Illi dwar piena, l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa recidiv, oltre il-fatt illi kien hemm diversi incidenti

fejn huwa hebb ghal parti leza u baqa’ jaghmel dana anke wara li gew intavolati dawn il-proceduri, tant illi kif jirrizulta mill-atti processwali huwa anke gie misjub hati illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn dina l-Qorti, kif presjeduta ghal helsien mill-arrest. Inoltre l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b’zewg sentenzi sospizi li inghataw fil-konfront tieghu, liema sentenzi jinsabu esebiti a fols. 74 u 78 tal-process, oltre li huwa recidiv. Illi mill-atti processwali madanakollu jidher illi l-imputat issa beda jircevi trattament taht il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri u dana kif jirrizulta mid-Dokument esebiet a fol. 145 tal-process u li ghalhekk ikun ghaqli illi huwa jibqa’ jircevi dina l-kura bit-tama li dawn l-incidenti ma jibqghux jirrepetu rwiehhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 221, 339(d), 339(e), 338(dd), 338(m), 325( c ), 251A(1)(a), 251B(1), 17(d), 49, 28B u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ disgha xhur prigunerija, b’rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs Civili illi l-imputat jibqa’ jigi segwit mill-psikjatra matul il-permanenza tieghu gewwa il-habs.
.
Illi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28B(1), tordna li z-zewg sentenzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif diversament ippresjeduta tal-27 ta’ April 2006 u tal-28 ta’Settembru 2006 (esebiti a fols.74 u 78 tal-process), ta’ tlettax-il xahar prigunerija u ta’ tmintax-il xahar prigunerija rispettivament ghandhom jigu fis-sehh b’dana ghalhekk illi l-hati ghandu jiskonta b’kollox il-perijodu komplessiv ta’ tlett snin u erba’ xhur prigunerija.

Finalment il-Qorti, b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ elfejn ewro u dana ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta’ Maria Cauchi.

Edwina Grima

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------